MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 23 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1316/2001/1

**Allied Newspapers Limited**

**Vs**

**JEM Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm1010.29c (elf u ghaxar liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmi) rappresentanti servizzi ta’ reklamar lill-konvenut fuq ordni u nkarigu tieghu.
Ghalkemm il-konvenut gie nterpellat biex ihallas anke permezz t’ ittra ufficjali f’ Novembru 1999 u permezz t’ ittra bonarja datata 25 t’ Ottubru 2000, huwa baqa’ inadempjenti.

Is-socjeta attrici ghalhekk titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ elf u ghaxar liri Maltin u disgha u ghoxrin centenzmu (Lm1010.29) kif ukoll l-ispejjez, inkluz ta’ ittra ufficjali f’ Novembru 1999 u ta’ ittra

bonarja datata 25 t’ Ottubru 2000 u l-interessi mid-data ta’ kull fattura sal-gurnata tal-hlas effettiv.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci ;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**